# EŻAMI ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2001

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**IT-TIELET SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ______________________________ Klassi: ___________

Istruzzjonijiet lill-Kandidat/a:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, idejat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

3. Se tingħata ħafna importanza għall-Ortografija. Ortografija ħażina ttelliflek ħafna marki.

---

<u>GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA</u>

SKEMA TA' MARKI

| MISTOQSIJA | A | B | Ċ | D | E | F1(a) | F1(b) | F1(ċ) | F2 | F3 | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MARKI | 10 | 21 | 3 | 8 | 7 | 7 | 6 | 3 | 9 | 6 | 20 | 100 |
| MARKI TA' L-ISTUDENT/A | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:*

Vassalli! Għaref kien dar-raġel u daqshekk ieħor rasu iebsa li ma beżax jiġbed fuqu l-mibegħda ta' l-Ordni u l-istmellija ta' l-aristokratiċi Maltin ta' dak Iż-żmien, li għaddewh ta' miġnun talli fil-'Mylsen Malti' ħaqqaqha li lsien il-poplu hu 'lsien nazzjonali'. Dagħwa bħal dik ma kinux sa jaħfruhielu. Għamlu għalih biex isikktuh imma sabuh sur jiflaħ li ma jiċċaqlaqx quddiem il-balal ta' l-ilsna ħżiena. *(par. 1)*

Vassalli kien jara għall-bogħod. Bniedem hu kbir daqs kemm b'moħħu jara għall-bogħod; jekk ma jarax għall-bogħod hu wieħed mill-għomja li jmexxi għomja oħra bħalu sa ma t-tnejn jaqgħu fil-ħondoq mnejn ma jitilgħu qatt iżjed, kif qal Dante għat-Taljani ta' żmienu, meta dawn maqdruh talli fil-kitba tiegħu nqeda mhux bil-Latin, ilsien il-għorrief ta' dik il-ħabta, imma bl-ilsien Taljan, il-'Volgare' li, f'idejn dan il-Kbir, minn tarbija fil-fisqija sar raġel sħiħ u qawwi. Dante ra għall-bogħod u kiteb b'ilsien il-poplu, Vassalli ra għall-bogħod u għallem ilsien il-poplu. *(par. 2)*

Bil-fehma li Malta hi nazzjon, iż-Żebbuġi ried li l-Maltin irawmu lsien għalihom. Ħsieb kbir u ġdid; u ż-żgħażagħ ħbiebu li, bħaż-żgħażagħ kollha jħobbu dak li huwa kbir u dak li hu ġdid, ħolmu jiem għal ħuthom meta dawn kienu jistgħu jiftaħru b'kittieba tajba, b'kittieba li jxerrdu mal-Gżejjer il-ħsibijiet tagħhom biex joktru fil-ġid u l-fejda kif joktru ż-żrieragħ tal-qamħ li l-irġiel ixerrdu mal-wisa' ta' l-art. Ħsieb ieħor sabiħ ta' Vassalli, kbir u ġdid għal dawk iż-żmenijiet, kien li l-poplu għandu jingħatalu tagħlim b'xejn, fehma mdawla li xegħlet f'moħħu mill-imħabba tiegħu sħiħa għall-kotra Maltija. *(par. 3)*

Fehma oħra sabiħa, u li kien fissirha fil-Memorjal li ressaq quddiem il-Gvern qabel ma ndaħal mal-Ġakbini, kien illi jitneħħa r-raba' vot tal-Kavalieri, jiġifieri dik il-wegħda bla ħaqq li mħabba fiha l-Kavalieri u t-Torok, wieħed biex jitqaddes quddiem San Ġwann, l-ieħor quddiem Mawmettu, kellhom joqogħdu jixxiegħlu bejniethom jisirqu 'l xulxin b'imħatra min jaqta' rjus l-aktar. *(par. 4)*

Fehma oħra – u din ukoll kien fissirha fil-Memorjal – kienet illi l-Port ta' Malta kellu jinfetaħ għall-kummerċ tal-Lvant. Għax mil-Lvant niesna l-ibdiewa kienu jistennew il-faraġ: kien jorħos il-ġwież, kienu jorħsu l-bhejjem u t-trobbija tagħhom kienet tibda tħalli l-qligħ. *(par. 5)*

Xi żgħażagħ, imwelldin u mrobbijin taħt il-ħakma mħassra ta' l-Ordni, raw id-dawl ta' l-istorja kbira f'dawk il-fehmiet ġodda. Ħafna qalu li Mikiel Anton Vassalli xeħet fi Gżiritna ż-żerriegħa ta' l-idijiet kbar li għandhom fihom il-ħajja ta' dejjem, idijiet għalhekk li ma jistgħux jibqgħu għaddejjin mar-riħ. Dawk li qalu hekk kienu jħossu li f'dak li fassal dar-Raġel kien hemm xi ħaġa li titwaħħad ma' l-akbar xewqa tal-poplu Malti, riżq fil-kummerċ u ġieh tan-Nazzjon. *(par.6)*

(Mir-rumanz **"TAĦT TLIET SALTNIET"** (1935) ta' Ġużè Aquilina.)

## A. FEHIM IT-TEST *(10 marki)*

1. Min ħadha kontra Vassalli f'dak iż-żmien? U għalfejn? (par. 1)

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2 marki)

2. X' qalu l-għedewwa fuq Vassalli, u x'għamlu biex isikktuh? (par. 1)

   ______________________________________________ (marka)

3. Minn xiex tagħraf bniedem jekk hux kbir jew le? (par. 2)

   ______________________________________________ (marka)

4. X'hemm li jixxiebah bejn Vassalli u Dante? (par. 2)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

5. X'kien il-ħolm ta' Vassalli, il-ħsieb tiegħu? (Trid isemmi tnejn minnhom).

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

6. Fisser, *fi kliemek* , ir-"raba' vot tal-Kavalieri". (par. 4)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

7. Għalfejn Vassalli ried li l-port ta' Malta jinfetaħ għall-kummerċ tal-Lvant? (par. 5)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

8. X'kienet il-fehma ta' ħafna fuq il-ħsibijiet ta' Vassalli? (par. 6)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (*21 marka*)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Oħroġ forma oħra mill-istess għerq ta' dawn il-verbi, u għid ta' liema forma hi. Il-forom li toħroġ iridu jkunu differenti minn xulxin.

| | |
|---|---|
| i. jiftaħru (par. 3) | ii. ressaq (par. 4) |
| iii. jixxiegħlu (par. 4) | iv. jinfetaħ (par. 5) |

(2 marki)

2. Sib Plural Miksur mill-ewwel paragrafu.

_________________________________ (marka)

3. Sib żewġ verbi fin-negattiv, wieħed mill-ewwel u l-ieħor mit-tieni paragrafu.

_________________________ u ___________________________ (2 marki)

4. Mit-tieni paragrafu sib:

| | |
|---|---|
| i. Aġġettiv fil-Grad Pożittiv | |
| ii. Stat Kostrutt | |
| iii. Nom fl-Għadd Imtenni | |

(3 marki)

5. Ikkonjuga dawn il-verbi kif indikat:

| | | |
|---|---|---|
| i. xegħlet (par.3): | it-tieni persuna plural, Temp Imperfett, l-ewwel forma. | |
| ii. jixxiegħlu (par. 4): | l-ewwel persuna singular, Temp Perfett, is-sitt forma. | |

(2 marki)

6. Sib mis-sitt (6) paragrafu żewġ kelmiet li jinsabu fil-Partiċipju Passiv.

_______________________________ u _______________________________ (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem li ġej.

| | |
|---|---|
| i. irawmu (par. 3) | |
| ii. mħassra (par. 6) | |

(2 marki)

**ANALIŻI TESTWALI**

8. Il-Pronomi Mehmużin **hie** u **lu** fil-kelma "jaħfru**hielu**" (par. 1) qed jirreferu għal:

**hie**: ______________________ u **lu**: ______________________ (marka)

9. Sib mit-tieni paragrafu dak in-nom fil-plural li qed jirreferi għal dawk in-nies li ma jarawx għall-bogħod: ___________________ (marka)

10 i. Sib espressjoni ta' xebh mit-tielet paragrafu.

_____________________________________________________________________

ii. Liema parti mill-kelma "fehmiet" (par. 6) turi li l-kelma hija fil-plural? ________________

(marka)

11. Il-kelma "bogħod" (par. 2) kif inhi użata qiegħda tirreferi:

(a) għall-akbar distanza li tara matul il-jum ☐

(b) għall-akbar distanza li tara matul il-lejl ☐

(ċ) għall-ħwejjeġ li se jsiru fil-ġejjieni ☐

(marka)

12. "ma jiċċaqlaqx" (par. 1) turi, kif inhi użata:

(a) negazzjoni tal-ħaġa ☐

(b) ċertezza ☐

(ċ) kundizzjoni ☐

(marka)

13. Il-kelma "kittieba" (par. 3) hija użata fl-għadd plural. Tista' tintuża wkoll, f'xi kuntest ieħor, fl-Għadd_________________ jew fil-Partiċipju_______________femminil jew_____________

(marka)

**SINTASSI**

Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira.

14 a. Bil-fehma li Malta hi nazzjon, iż-Żebbuġi ried li l-Maltin irawmu lsien għalihom.

b. Vassalli ried li l-Maltin irawmu lsien kollu kemm hu għalihom għax ____________________

______________________________________________________________ (marka)

15 a. Ħsieb ieħor ta' Vassalli kien li l-poplu jingħatalu tagħlim b'xejn, fehma mdawla li xegħlet f' moħħu mill-imħabba tiegħu sħiħa għall-kotra Maltija.

b. Billi Vassalli kien iħobb ħafna 'il-poplu Malti, ______________________________________

______________________________________________________________ (marka)

| Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI | (*3 marki*) |
|---|---|

**QWIEL U IDJOMI.** *AGĦŻEL WAĦDA.*

1. Ikteb żewġt iqwiel dwar it-tema "Xorti", imbagħad fisser wieħed minnhom.

   i. ______________________________________________________________

   ii. ______________________________________________________________

   Tifsira ta' ☐ (imla skond il-ħtieġa):

   ______________________________________________________________

2. L-annimali huma sehem importanti ħafna mill-ħajja tal-bniedem. Uri kemm dan hu minnu billi tislet żewġ idjomi. Imbagħad fisser wieħed minnhom.

   i. ______________________________________________________________

   ii. ______________________________________________________________

   Tifsira ta' ☐ (imla skond il-ħtieġa):

   ______________________________________________________________ (3 marki)

| D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | *(8 marki)* |
|---|---|

Agħżel *WAĦDA BISS* minn dawn u ikteb madwar 80 - 90 kelma fuq karta separata.

1. Student/a mill-klassi tiegħek ġie/ġiet meħud/a malajr l-isptar għal operazzjoni urġenti. Fil-klassi ftehemtu li tiġbru xi flus biex tixtrulu/ha rigal, kif ukoll ġbartulu/ha salt rivisti biex ikun/tkun jista'/tista' jaqrahom/taqrahom sakemm idum/iddum l-isptar. Ikteb ittra lil dan/din l-istudent/a biex tintbagħat mar-rigal (li trid tgħid x'inhu) u r-rivisti.

2. Fil-masġar ta' ħdejn ir-raħal ta' Buġebel, fil-ħin ta' l-għabex tal-jum tal-bieraħ, intlemaħ annimal stramb minn għadd ta' nies. Wieħed minn dawn in-nies, li joqgħod hemm u huwa espert fl-annimali u l-evoluzzjoni tagħhom, ingħad li qal li dak huwa annimal preistoriku maħsub estint. Inti bħala ġurnalist/a ġejt mibgħut/a mid-direttur tal-gazzetta biex tagħmel rapport fuq il-każ. Ikteb dan ir-rapport. (8 marki)

## E. TIFTIX ~ TRAWWIM KULTURALI *(7 marki)*

Il-lingwa Maltija hija lingwa għanja ħafna. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal xi aspetti mill-proġett li ħdimt fuqu din is-sena bl-isem ta' "L-idea ta' Lingwa".

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (7 marki)

## F. LETTERATURA *(30 marka)*

1. POEŻIJA: "NADRIET 3"

a) Wieġeb kollox.

i. Fil-poeżija "Waħdi", Rużar Briffa jisħaq li għalkemm huwa jinsab kiebi u għajjien, huwa xorta jħoss li huwa l-poeta ta' xiex? Trid issemmi żewġ affarijiet.

_________________________ u _________________________ (marka)

ii. "Qasba" nistgħu ngħidu li hija poeżija skeletrika. Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

iii. Uri kif fil-poeżija 'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti' jirbaħ is-sentiment uman.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

iv. B'liema metafora Dun Karm, fil-poeżija "Poeta", jiddeskrivi t-triq iebsa, mimlija ħidma, tal-poeżija? ______________________________________________________ (marka)

v. Fil-poeżija "Waħdi", Rużar Briffa jidher kemmxejn pessimist. Għaliex?

(marka)

vi. It-tfulija huwa żmien deċiżiv fil-formazzjoni tal-personalita' ta' l-individwu. Kull ma jseħħ fiha nġorruh magħna għal dejjem. Uri kif jidher dan mill-poeżija "Waħdi" ta' Dun Karm.

(2 marki)

b) It-tama l-aħħar li tmut. Uri kemm dan huwa minnu billi tagħmel referenza għal dawn il-poeżiji: "Qasba", "Tifkiriet ta' Tfuliti" u "Pitirross".
Wieġeb f'madwar 60 ~ 80 kelma. (6 marki)

ċ) Aktar Nadriet Poetiċi

*Fis-Skiet* – Carmel Cachia
*Jekk Baħar Int Għalija* – Carmel G. Cauchi
*Fuq il-Palm tal-Ħbiberija* – Philip Sciberras
*Iż-Żgħożija* – Charles Flores
*Matul is-Snin tal-Ħajja* – Ġuże' Chetcuti
*Raqdet il-Belt* – Lilian Sciberras
*Fjura tas-Sur* – Mario F.Bezzina
*Ħabbata* – Marjanu Vella

It-temi li nsibu f'xi wħud mill-poeżiji ta' hawn fuq jixbhu lil dawk fil-poeżiji l-oħra f' "Nadriet". Agħżel waħda minnhom, u qabbilha għal dak li għandu x'jaqsam ma' tema ma' poeżija waħda f' "Nadriet".

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (3 marki)

2. PROŻA: "STEJJER GĦAL QABEL JIDLAM"

Oliver Friggieri, fin-novelli tiegħu, bħal donnu qiegħed jgħidilna li fil-ħajja hawn wisq tbatija u li fis-soċjeta` Maltija ma hawnx edukazzjoni xierqa fejn jidħol ir-rispett lejn l-individwu. Agħti l-fehma tiegħek, u saħħaħ dak li tgħid b'eżempji minn, mill-anqas, erba' novelli. Ikteb fuq karta separata f'madwar 100 kelma.

(9 marki)

3. DRAMA: "IL-FORTUNA TAL-BAKKALJAW"

Id-dramm "Il-Fortuna tal-Bakkaljaw", miktub fl-1956, huwa dramm umoristiku, madankollu Ġuże' Aquilina, id-drammaturgu, huwa konxju mill-fatt li fil-pajjiż għad hemm lok ta' aktar progress soċjali. Ikkummenta. Saħħaħ dak li tgħid b'eżempji mid-dramm. Ikteb fuq karta separata f'madwar 80 kelma. (6 marki)

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel ***WIEĦED***. Ikteb madwar 300 kelma fuq karta separata.

1. Il-programmi Maltin fuq it-televixin.
2. L-Imdina. Belt imsaħħra.
3. Id-djar qodma huma sbieħ.
4. Laqgħa bejn żewġt iħbieb kbar: għasfur tal-passa u siġra ta' mitejn sena.
5. Klieb.
6. Qalb ta' omm.
7. L-imġiba tikxef il-bniedem.